



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2018

Il-ġlieda kontra t-theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari li jkun ġej minn barra t-territorju tal-UE: governanza aħjar, iżda jeħtieġ li jkun hemm fokus akbar fuq il-kooperazzjoni, jgħidu l-Awdituri.

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-azzjoni tal-UE fil-pajjiżi sħab kontra t-theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN) li jkun ġej minn barra t-territorju tal-UE, irriżultat f'titjib fil-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, iżda l-attivitajiet għad iridu jiġu prijoritizzati skont il-livell ta' riskju. L-awdituri jgħidu li l-finanzjament irid jiġi kkonċentrat f'dawk l-oqsma li huma rilevanti għas-sigurtà u li jeħtieġ li jiġi żviluppat approċċ adegwat għall-ġestjoni tar-riskji.

L-Inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN għandha l-għan li timmitiga t-theddid u r-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE. L-għan prinċipali tagħha huwa li tneġġeġ il-kooperazzjoni bejn u fi ħdan il-pajjiżi sħab. Din hija l-akbar programm ta' sigurtà esterna ċivili tal-UE u għandha baġit ta' EUR 130 miljun għas-snin 2014-2020.

L-awdituri taw segwitu għal rapport speċjali tal-2014, li kien jittratta l-istruttura tal-iskema. Huma kkonkludew li l-Inizjattiva qed tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-theddid iżda l-kredibbiltà u s-sostenibbiltà tagħha jiddependu mill-kapaċità tagħha li tadatta u tindirizza l-isfidi ewlenin.

"Avvenimenti bħall-użu tal-gass sarin u l-gass tal-kloru fl-Iraq u fis-Sirja, it-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent u l-kollass tar-reattur nukleari ta' Fukushima huma tfakkiriet qawwija tal-perikli li jirrappreżentaw ir-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari," qalet Bettina Jakobsen, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Sa issa, l-Inizjattiva għadha ma żviluppatx approċċ adegwat għall-ġestjoni tar-riskji. Saru ħafna sforzi biex jiżjed l-għadd ta' pajjiżi sħab minflok li dawn l-isforzi, flimkien mal-finanzjament, ma ġew ikkonċentriati fuq il-pajjiżi li huma l-aktar rilevanti għas-sigurtà tal-UE."

L-awdituri jirrikonoxxu l-fatt li l-Inizjattiva ppromwoviet kultura ta' sikurezza u ta' kooperazzjoni. Timijiet nazzjonali nħatru fil-maġġoranza tal-pajjiżi sħab biex jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

aġenziji. Skont l-awdituri, il-kooperazzjoni reġjonali li l-Inizjattiva qed tfittex li tippromwovi nbdiet, iżda għad ma hemmx biżżejjed interazzjoni bejn il-pajjiżi sħab peress li dawn jippreferu jindirizzaw il-ħtiġijiet nazzjonali l-ewwel.

Il-Kummissjoni tipprovdi għodod u metodoloġija lill-pajjiżi sħab biex tgħinjom jivalutaw il-ħtiġijiet proprji tagħhom u jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jimmitigaw ir-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. Madankollu, il-gwida li tingħata dwar kif ir-riskji jridu jiġu identifikati u prijoritizzati mhijiex suffiċjenti.

Mill-2014 'l hawn, kien hemm titjib fl-involvement tad-delegazzjonijiet tal-UE. Madankollu, skont l-awdituri, dawn ma kinux attivi biżżejjed fil-promozzjoni tal-Inizjattiva u fil-mobilizzazzjoni tar-rieda politika. In-nuqqas ta' objettivi ċari, indikaturi rilevanti u *data* miġbura fuq il-post ma ppermettix li ssir valutazzjoni korretta tal-eżitu u l-impatt tal-proġetti u tal-Inizjattiva fl-intier tagħha.

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni u s-SEAE:

- jipprijoritizzaw l-attivitajiet fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskji sistemiċi;
- isaħħu d-dimensjoni reġjonali tal-Inizjattiva;
- ikomplu jsaħħu r-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE fl-Inizjattiva;
- jidentifikaw is-sinerġiji potenzjali u sorsi oħra ta' finanzjament disponibbli;
- iżidu l-obbligu ta' rendikont u l-viżibbiltà tal-attivitajiet u tar-riżultati permezz ta' monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar;
- jibdlu l-portal web tas-CBRN biex l-aċċess ikun faċli.

Noti lill-Edituri

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2018 "l-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE: jeħtieġ li jsir aktar progress" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.